**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 039/2019**

**SJ ('l-ilmentatur')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd*. (C26761)**

**('il-provditur tas-servizz'/'*Crystal*')**

**Seduta tad-9 ta' Settembru 2019**

**Decizjoni Preliminari**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,**

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz** fejn, fosthom, qieghed jghid li l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji m'ghandux il-kompetenza jisma' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(c) u 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skont verbal tal-24 ta' Gunju 2019, wara li l-partijiet ittrattaw din l-eccezzjoni, qablu li l-Arbitru ghandu jaghti decizjoni preliminari dwar dan u jikkomunikaha lill-partijiet.

**Jikkonsidra:**

Illi l-legizlatur *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(b), (c) u (d) illimita l-kompetenza tal-Arbitru bi zmien.

Filwaqt li l-legizlatur ta l-opportunità lill-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji li jmorru lura b'ilmenti sal-1 ta' Mejju 2004, min-naha l-ohra, permezz tal-Artikolu

21(1)(b)(c) u (d), illimita l-azzjoni tal-konsumaturi skont il-parametri kontenuti f'dan l-Artikolu.

Il-provditur tas-servizz odjern qed iqajjem l-eccezzjoni f'dan ir-rigward a bazi tal-Artikolu 21(1)(c) li jghid:

*'Arbitru ghandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, jekk ilment jigi registrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju* ***mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'***[1]

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk l-ilmentatur irregistrax ilment mal-provditur tas-servizz

*'mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun ghamlet l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom'.*

L-ilmentatur jghid li hu jifhem li kull investiment fih ir-riskju tieghu u ma kienx qed jippretendi rizarciment shih tat-telf li garrab mill-prodott *Rickmers*, izda l-provditur tas-servizz ghandu jkollu taghrif tempestiv dwar is-suq u jaghti parir lil dak li jkun biex irazzan it-telf tieghu u ma jhallihx jitlef l-investiment kollu.

Il-provditur tas-servizz jghid fir-risposta tieghu li l-ilmentatur kien konxju tal-andament negattiv tal-kumpanija *Rickmers* liema prezz beda niezel minn Frar 2016. Fil-fatt, fit-13 ta' Marzu 2016, l-ilmentatur talab evalwazzjoni li kellu bzonnha sabiex ikun jista' jghaddiha lill-bank halli jara kemm seta' jissellef fuq l-istess investiment.[2]

Il-provditur tas-servizz izid jghid li l-evalwazzjoni intbaghtet lill-ilmentatur fl-14 ta' Marzu 2016, fejn kien jidher car li l-prezz tal-*bond* ilmentat kien nizel ghal 56% u qatt ma rega' rkupra. Jghid li l-ilmentatur kien konxju li l-*bond* kien niezel sew u seta' ta' ordni biex ibiegh kif ghamel diversi drabi ohra f'cirkostanzi simili.

Barra minn hekk, l-ilmentatur kien gie nfurmat f'Gunju 2016, meta thallas l-ahhar imghax, li l-kumpanija baqghet sejra hazin u li ser ikun hemm programm

---

[1] Enfasi tal-Arbitru
[2] *A fol.* 33 *et seq*

ta' ristrutturar tad-dejn li seta' jkabbar it-telf. L-ilmentatur kellu l-opportunità li jressaq ilment sa Gunju 2018 izda dan m'ghamlux. Sa Gunju 2018 qatt ma gie imressaq ilment bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju ghalkemm l-ilmentatur kellu konoxxenza ta' dan it-telf minn Marzu 2016.

L-Arbitru ra wkoll il-*graph* li pprezenta l-provditur tas-servizz, kif spjegata bid-dati *a fol.* 76 *et seq*. Minn din l-informazzjoni, l-Arbitru hu tal-fehma li l-provditur tas-servizz ipprova li r-*Rickmers* kien ilu niezel fil-prezz sa mill-25 ta' Frar 2016, fejn nizel b'aktar minn nofs u minn April 2016 qabad sew it-triq tan-nizla.

L-ilmentatur jghid li hu kien qed jistenna l-parir tal-provditur tas-servizz biex ibiegh. Imma, min-naha l-ohra, ma kkontradixxiex dak li qal il-provditur tas-servizz, jigifieri li hu kien inghata evalwazzjoni tar-*Rickmers* f'Gunju 2016 meta l-prezz kien gie 56%.

Lanqas ma kkontradixxa l-fatt li f'Gunju 2016, meta ircieva l-ahhar imghax, kien infurmat li l-kumpanija kienet ser tirristruttura d-dejn taghha u, ghalhekk, seta' jkabbar it-telf.

Barra minn hekk, baqa' jircievi l-i*statements* regolarment u seta' jinduna li l-prezz kien dejjem niezel. Ma kkontradixxiex lanqas dak li qal il-provditur tas-servizz li l-ilmentatur gieli biegh investimenti ohra f'cirkostanzi simili.

Il-kwistjoni ta' kompetenza a bazi tal-Artikolu 21(1)(b)(c) u (d) hija wahda ta' dekadenza u l-Arbitru m'ghandux diskrezzjoni dwarha. Dan it-terminu hu wiehed perentorju, u jekk min jilmenta ma josservax dan it-terminu dekadenzjali, l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza li jintrattjeni ruhu dwaru.

Ghalhekk l-Arbitru m'ghandux ghazla ohra hlief li jimxi mal-kliem tal-ligi.

L-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 jghid li l-ilmentatur ghandu sentejn zmien biex jilmenta mal-provditur tas-servizz

'*mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun ghamlet l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom'.*

Il-kwistjoni ewlenija hija t-telf li sar minn fuq ir-*Rickmers* u l-ilmentatur jghid li hu kien konxju li seta' jkun hemm telf imma mhux li l-investiment jigi fix-xejn u lmenta meta sehh dan.

L-Arbitru huwa moralment konvint li l-ilmentatur kellu informazzjoni bizzejjed dwar l-andament hazin tar-*Rickmers* kemm f'Marzu 2016, meta talab evalwazzjoni, u kemm f'Gunju 2016, meta gie nfurmat li l-kumpanija kienet ser tirristruttura d-dejn taghha.

Ghalhekk jitqies li hu kien qed jigi infurmat tempestivament bl-andament tal-prodott li dam niezel ghal numru ta' xhur, u l-ilmentatur kien qed jircievi l-i*statements* biex ikun jista' jinduna b'dan. L-ilmentatur kellu taghrif u esperjenza bizzejjed biex ikun jista' jinduna b'dan.

Ghalhekk, fl-aghar ipotesi, l-ilmentatur kellu jilmenta mal-provditur tas-servizz sa Gunju 2018. Mill-atti tal-kaz jirrizulta li l-ilmentatur ghamel l-ewwel ilment mal-provditur tas-servizz fis-6 ta' Marzu 2019.[3]

Ghalhekk l-ilment ma tressaqx fiz-zmien li tghid il-ligi *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta u, ghalhekk, l-Arbitru hu eskluz bil-ligi milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kaz.

Dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li jista' jkollu l-ilmentatur li jressaq dan il-kaz quddiem forum iehor stabbilit bil-ligi.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[3] *A fol.* 4, *a fol.* 6